TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/229/15/S

Monica Fenech
Vs
JD Lifts Supplies Limited

Illum 12 ta'Mejju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Monica Fenechipprezentata fl-10 ta'Dicembru,2015 filwaqt li s-socjeta JD Lift Supplies Limited, ghalkemm debitament notifikata, baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas deheret ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni taghha maghmula fil-21 t'April,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda problem f'lift li ma gewx indirizzati mis-socjeta intimata ghalkemm ir-rikorrenti hallset ghal 'mantenance agreement';

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Monica Fenech u lanqas deheret ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Monica Fenech li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjegat kif waslet ghat-talba ta' €460 u pprezentat id-dokumentazzjoni relattiva;

Illi min-naha l-ohra s-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex taghti l-verzjoni taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Monica Fenech u Jordna lis-socjeta JD Lifts Supplies Limited thallas lil Monica Fenech is-somma ta' €460 kif konfermata bil-kopja tal-ftehim ipprezentat, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta intimata JD Lifts Supplies Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070